**Aphasia United**
**L-Aħjar Prattiċi Rrakkomandati għall-Afasja**
**Daħla**

L-afasja hi diżabbiltà komunikattiva akkwiżita li tiġi minn ħsara li sseħħ fil-partijiet tal-moħħ marbuta mal-lingwa, l-aktar minħabba xi puplesija. Madanakollu, jista' jkun hemm kundizzjonijiet oħrajn, fosthom ferita/trawma jew tumur fil-moħħ, li wkoll jistgħu jwasslu għall-afasja. Il-karatteristiċi tal-afasja jinkludu indebolimenti fil-modalitajiet lingwistiċi fosthom fit-taħdit, il-fehim, il-qari u l-kitba. Minħabba l-importanza pervażiva tal-komunikazzjoni fil-ħajja ta' kuljum, normalment l-afasja tħalli impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet, il-parteċipazzjoni u l-benesseri soċjali. Individwi bl-afasja jibqgħu jżommu l-intelliġenza li kellhom qabel ma żviluppat il-kundizzjoni, imma l-intelliġenza tagħhom tista' tinsatar minn diffikultajiet fil-komunikazzjoni. Wieħed m'għandu qatt jassumi li persuna li għandha l-afasja għandha nuqqas ta' ħila mentali. Individwi bl-afasja normalment kapaċi jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa u jieħdu sehem f'attivitajiet kemm-il darba t-tagħrif li jingħatalhom jew l-attivitajiet imressqa jkunu aċċessibbli fuq livell ta' komunikazzjoni.

Individwi bl-afasja għandhom id-dritt li jingħataw trattament b'dinjità u rispett, u li jkollhom l-istess livell ta' kura ta' saħħa bħal persuni li m'għandhomx din il-kundizzjoni (inkluż li jiksbu informazzjoni u li jieħdu sehem personalment fit-teħid ta' deċiżjonijiet relevanti). Persuni bl-afasja u l-membri tal-familja tagħhom għandhom id-dritt li jingħataw servizzi relevanti mfassla b'risq l-individwu sabiex jissaħħu l-komunikazzjoni u s-sehem tagħhom fl-attivitajiet u l-għażliet ta' kuljum. Professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa għandhom iżommu lill-persuni bl-afasja fiċ-ċentru ta' ħidmiethom u jkunu lesti jaħdmu id f'id ma' ħaddieħor.

Dawn il-professjonisti kif ukoll dawk li jipprovdu servizzi komunitarji, għandhom isibu hawn taħt "l-aħjar prattiċi rrakkomandati" b'rabta ma' persuni bl-afasja. Dawn tħejjew minn firxa sħiħa ta' għejjuni madwar id-dinja. Biswit kull livell ta' rakkomandazzjoni/evidenza qed tingħata r-referenza meħtieġa. Dawn is-sorsi mhux qed ikunu kkwotati direttament; imma minflok, qed tingħata t-tema ewlenija bil-għan li tkun aktar rappreżentattiva. Għal aktar dettalji dwar il-livell ta' evidenza, wieħed għandu jirreferi għad-dokumenti kkwotati oriġinarjament. Tajjeb li tinnota li l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet ġejjin minn linji gwida ġenerali b'rabta mal-puplesija, aktar milli minn linji gwida b'rabta ma' kundizzjonijiet oħrajn jew mal-afasja b'mod speċifiku.

**Aphasia United**
**L-Aħjar Prattiċi Rrakkomandati għall-Afasja**

1. Il-pazjenti kollha li għandhom ħsara fil-moħħ jew marda progressiva fil-moħħ għandhom ikunu eżaminati għal xi insuffiċjenza komunikattiva[1,2,3,5,7,8,9] (Livell Ċ).
2. Persuni b'suspett li għandhom insuffiċjenza komunikattiva għandhom ikunu evalwati minn professjonisti kkwalifikati (skont il-pajjiż). L-evalwazzjoni għandha tmur lil hinn minn sempliċiment użu ta' miżuri ta' *screening* maħsuba biex jiddeterminaw in-natura, il-gravità u l-konsegwenzi personali tal-insuffiċjenza komunikattiva ssuspettata[1,2,3,4,5,6,8,9] (Livelli B, Ċ).
3. Persuni bl-afasja għandhom jingħataw tagħrif dwar l-afasja, il-kundizzjonijiet li jwasslu għaliha (eż. il-puplesija) u dwar tipi varji ta' trattamenti[1,5,6,7,8,9] (Livelli A - Ċ). Dan japplika għal kull stadju tal-kura mogħtija, mill-aktar fażi bikrija sa dik kronika.
4. L-ebda persuna bl-afasja m'għandu jitwaqqfilha s-servizz mogħti mingħajr ma jkollha mezz ta' kif tikkomunika l-ħtiġijiet u x-xewqat tagħha (eż. li tuża komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva [KAA], sapport, imsieħba mħarrġa) jew pjan iddokumentat dwar kif u meta se tikseb dan (Livell: Punt ta' Prattika Tajba [PPT]).
5. Persuni bl-afasja għandhom ikunu offruti terapija intensiva u individwalizzata b'rabta mal-afasja mħejjija bil-għan li jitħalla effett pożittiv fuq il-komunikazzjoni u l-ħajja ta' dak li jkun[1,2,3,4,5,6,7,8,9] (Livelli A u PPT li jiddependu mill-metodu, l-intensità u ż-żmien). Dan l-intervent għandu jitfassal minn professjonist ikkwalifikat u jingħata taħt is-superviżjoni tiegħu.

a) L-intervent jista' jinkludi terapija għal indeboliment speċifiku, taħriġ kumpensatorju, terapija fil-konverżazzjoni, terapija b'orjentament funzjonali/parteċipattiv, intervent ambjentali u KAA.

b) Il-metodi li bihom jista' jitwassal dan l-intervent jistgħu jinkludu terapija individwali, terapija fi grupp, teleriabilitazzjoni u/jew trattament assistit bil-kompjuter.

c) Individwi bl-afasja minħabba forom ta' ħsara fil-moħħ kemm stabbli (eż. il-puplesija) kif ukoll progressivi jibbenefikaw minn intervent.

d) Individwi bl-afasja minħabba puplesija u forom statiċi oħrajn ta' ħsara fil-moħħ jistgħu jibbenefikaw minn intervent waqt il-fażijiet ta' rkupru, mill-aktar fażi bikrija sa dik kronika.

6. Għandu jingħata taħriġ komunikattiv lis-sieħeb/sieħba ta' dak li jkun sabiex titjieb il-komunikazzjoni tal-persuna bl-afasja[1,2,3,5,8] (Livelli A, B).
7. Familji jew persuni li jipprovdu kura lil persuni bl-afasja għandhom jiddaħħlu fil-proċess ta' riabilitazzjoni[1,2,3,4,5,7,8,9] (Livelli A - Ċ).

o Il-familji u l-persuni li jipprovdu kura lil persuni bl-afasja għandhom jingħataw l-edukazzjoni u l-għajnuna meħtieġa biex jifhmu xi jwassal għall-afasja u x'inhuma l-konsegwenzi tagħha (Livell A).

o Il-familji u l-persuni li jipprovdu kura lil persuni bl-afasja għandhom jitgħallmu jikkomunikaw mal-persuna bl-afasja (Livell B).

8. Is-servizzi mogħtija lil persuni bl-afasja għandhom ikunu kulturalment xierqa u relevanti għall-individwu[1,2,5,8] (Livell PPT).

9. Il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u soċjali li jaħdmu ma' persuni bl-afasja fl-aspetti mifruxa tal-kura mogħtija (eż. minn kura akuta sa meta l-persuna tiġi biex tkun nieqsa) għandhom jingħataw edukazzjoni meħtieġa dwar l-afasja filwaqt li jitħarrġu sabiex jgħinu lil persuni bl-afasja jikkomunikaw[2,3] (Livell Ċ).
10. L-informazzjoni maħsuba sabiex tintuża minn persuni bl-afasja għandha tkun skont forom aċċessibbli, anke fuq livell komuknikattiv[1,3,5,7,8] (Livell Ċ).

**Il-Livelli ta' Rakkomandazzjoni/Evidenza**

| | |
|---|---|
| Livell A: | Wieħed jista' jafda l-evidenza mir-riċerka disponibbli u jużaha bħala gwida |
| Livell B: | Wieħed jista' jafda l-evidenza mir-riċerka disponibbli u jużaha bħala gwida f'ħafna mill-każijiet |
| Livell Ċ: | L-evidenza mir-riċerka disponibbli tipprovdi xi għajnuna dwar rakkomandazzjonijiet |
| Livell D: | L-evidenza mir-riċerka disponibbli mhix b'saħħitha |
| Punt ta' Prattika Tajba (PPT): | Ir-rakkomandazzjoni tissejjes fuq opinjoni jew kunsens espert |

**Is-Sorsi użati għat-tifsil ta' "L-Aħjar Prattiċi Rrakkomandati għall-Afasja" minn Afasia United**


1. National Health and Medical Research Council Clinical Centre for Research Excellence in Aphasia Rehabilitation (CCRE) (2014). Australian Aphasia Rehabilitation Pathway. http://www.aphasiapathway.com.au/
2. Intercollegiate Stroke Working Party. *National clinical guideline for stroke,* 4th edition. London: Royal College of Physicians, 2012.
3. Lindsay MP, Gubitz G, Bayley M, Hill MD, Davies-Schinkel C, Singh S, and Phillips S. Canadian Best Practice Recommendations for Stroke Care (Update 2012). On behalf of the Canadian Stroke Strategy Best Practices and Standards Writing Group. Ottawa, Ontario Canada: Canadian Stroke Network
4. Miller, E., Murray, L., Richards, L., Zorowitz, R., Bakas, T., Clark, P. Billinger, S. (2010). Comprehensive Overview of Nursing and Interdisciplinary Rehabilitation Care of the Stroke Patient: A Scientific Statement from the American Heart Association. *Stroke.* 2010;41:2402-2448. Downloaded from http://stroke.ahajournals.org/
5. National Stroke Foundation Australia (2010) Clinical guidelines for stroke prevention and management. Melbourne Australia. http://strokefoundation.com.au/site/media/clinical_guidelines_stroke_managment_2010_interactive.pdf
6. Royal College of Speech & Language Therapists (2005).RCSLT Clinical Guidelines
7. Scottish Intercollegiate Guidelines Network (2010) Management of patients with stroke: Rehabilitation, prevention and management of complications, and discharge planning A national clinical guideline. Edinburgh, Scotland. http://www.sign.ac.uk/pdf/sign118.pdf

8. Stroke Foundation of New Zealand and New Zealand Guidelines Group. Clinical Guidelines for Stroke Management 2010. Wellington: Stroke Foundation of New Zealand; 2010. http://www.stroke.org.nz/resources/NZClinicalGuidelinesStrokeManagement2010ActiveContents.pdf
9. US Veteran's Administration / Department of Defense (2010). Management of Stroke: VA/DoD Clinical Practice Guideline. http://www.healthquality.va.gov/guidelines/Rehab/stroke/online/